


# L-Innijiet tal-Festa tad-Duluri

**minn Patri Joseph Cilia OFM Conv.**

Sittin sena ilu, l-poeta magħruf Dun Frans Camilleri kiteb l-Innu l-ġdid tad-Duluri , hekk imsejjaħ l-Innu l-kbir. Fl-istess sena li l-Kappillan, Patri Ġann Franġisk Grima, jiġifieri fl-1947, waqqf il-Każin tal-Banda San Pawl, hu kien talab lil Dun Frans Camilleri mill-Ħamrun biex jikteb Innu ġdid lid-Duluri, kif fil-fatt għamel bit-titlu ta' "Innu lill-Madonna tad-Duluri" biex jibda jindaqq u jitkanta fil-festa titulari minflok dak li kien jitkanta.

L-ewwel innu tad-Duluri kien sar fl-1928 fi żmien il-Kappillan, P. Antonju Formosa Kerr, għall-festa ta' dik is-sena li kienet fid-29 ta' Lulju. Kien miktub mill-pawlin Antonio Fenech u mmużikat mis-Surmat A. Vella[1]. Is-Sur Fenech kien ħallas ukoll l-ispejjes tal-Innu. L-Innu ngħata l-approvazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof fis-17 ta' Lulju 1928 permezz tal-*Nihil Obstat* mill-Kanoniku Aloisius Attard, Ċensur tat-Teoloġija u l-*Imprimatur* mill-Kanoniku Al. M. Camilleri, Vigarju Ġenerali.


Innu
lill-Madonna tad-Duluri.

Wieqfa dik l-Omm ħanina
Imgarrqa mill-imħabba,
Bil-qalb maqsuma u mnikkta,
Ħdejn Binha fuq Salib.
Oh! liema qalb ta' bniedem
Qatt ħasset bħal Marija
L-imrar, l-uġigħ, in-niket,
Miġbura f'dat-tigrib!

Ejjew nurruha mħabba
lill-Omm tat-Tbatijiet.
Hi ħlisna minn kull jasar
Flimkien ma' Binha fdiet!

Tegħfu ftit ħawn, arawha
Dil-Mara li tħabbtna,
Li għażlet it-tbatija
Sabiex tiqred id-dnub!
Din hi li fl-għar ta' Betlem
Wasslet it-tama tagħna,

P.T.O.

It-Test tal-Innu fl-oriġinalità tiegħu – Malti antik - hu dan:

Meta il Profeta Simeone
mar jghamillech Profezia,
li da d-Dulur chellech issofri
ghad li ma contx ked tistennija.

Ghalech int fuk dac li kellech
ghall Egittu malajr hrabt
fuk il hmara Int u Ibnech
Gio l'Egittu Int uasalt.

Lil Ibnech tliftu fit-Tempju
hawn compleit sofreit Dulur,
tliet tijiem u tliet iljeli
Dana Ibnech ma sibtux.

Dulur ieħor ictar icbar
meta l'Ibnech fit-telgħa rait
bis-Salib fuk il Calvarju
b'piena cbira Lilhu ilkait.

Meta il Mahbub Ibnech
Agonizzant fuk is-Salib
Inti Lilhu cont ked tara
da 'd-Dulur chien cbir ghalieh

Xhin uasal fuk il Calvarju
bil lanza il Gesu' fereu
Danna is-sitt Duluri
Lilech huma wisq beccheu.

Meta mis-Salib nizzlu
lil Mahbub Ibnech Gesu'
f'kabar gdid Lilhu ucoll difnu,
dan ghalich lahhar Dulur.

F'gieh is-sebgha Duluri Tighech
Ghalina itlob tinsiniex
fil-granet tal-festa tighech
li ghalina tant gheziez.

Oh Omm taghna Addulurata
Id-Devot tighech bjek jiftahar
F'din il-Festa tant sabieha
L'is-sirlech f'San Paul il Bahar [2]


Li bkiet fuq il-Kalvarju
Quddiem Ġesù mislub!

Ejjew nuruha mħabba ecc.

Ħarsu, kemm dmugħ fuq wiċċha!
Xi ġmiel ta' kliem fuq fommha!
Xi ħlewwa! b'liema mħabba
Refgħetu lil Ġesù!
Imbierka dil-Omm tagħna,
Sultana fost il-Martri,
Il-Bidu ta' kull tama,
Mera ta' kull virtù!

Ejjew nuruha mħabba ecc

Dun Frans Camilleri

Nihil obstat
Melitæ die 26 Nov. 1947.

Inkiteb li kien hemm Innu ieħor wara dak tal-1928 u qabel dak tal-1947 [3] li kien miktub mill-poeta Karmnu Vassallo u mmużikat "mill-ewwel Surmast tal-Banda San Pawl, E. Cauchi". Diġa' hu żbaljat l-isem ta' l-ewwel Surmast tal-Banda San Pawl, għax dan ma kienx E. Cauchi, imma kien Emmanuel Gauci li dam Surmast tal-Banda San Pawl mill-1947 sal-1950[4]. Tkellimnt ma' Ġanmari Muscat li llum għandu seba' u sebgħin sena, li flimkien ma' Dimech ħallas l-Innu tal-1947 u ma jiftakrax li kien hemm dan l-Innu ta' Karmnu Vassallo. Hu tenna li l-Innu ta' qabel dak preżenti kien l-Innu popolari ta' Fenech li nkiteb fl-1928.

L-innu l-ġdid[5] ġie mmużikat mill-M.ro Vincenzo Ciappara u żanżan fis-sena 1948 meta daqqet għall-ewwel darba l-Banda San Pawl. L-Innu hu miktub fuq karta ta' pitazz użata

miż-żewġ naħat u fuqha stess hemm l-approvazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof, dik li jsejħu *Nihil Obstat*, jiġifieri li m'hemmx żbalji teoloġiċi fil-kitba u tista' tixxandar, bid-data tas-26 ta' Novembru 1947. F'isem il-Kurja ffirma P. Paulus Tabone OFM., Cens. Theol[6]. Is-Sur Ġanmari Muscat u s-Sur Ġerardu Dimech kienu ħallsu għoxrin lira maltin biex isir dan l-innu[7].

Fl-arkivju tal-patrijiet Franġiskani Konventwali fil-Kunvent ta' San Pawl il-Baħar għandna l-oriġinal tal-Innu – ara l-istampi ma' dan l-artiklu. L-oriġinal għadda fl-Arkivju tal-patrijiet fl-1982, fi żmien meta kien kappillan Patri Elija Vella, grazzi għal Patri Eġidju Mizzi li nistgħu ngħidu salva dan l-oriġinal. Patri Mizzi kiteb: "żammejtu b'għożża kbira, iżda minn meta fl-aħħar Kapitlu Provinċjali sirt naf li l-Kommunita' tagħkom qed tiġbor affarijiet antiki u dokumenti prezzjużi li għandhom x'jaqsmu ma' l-istorja tal-Knisja għamilt il-fehma li dil-kitba tinżamm fl-Arkivju tagħkom u għalhekk qiegħed nibgħatulkom."[8]

L-oriġinal tal-Innu għadda f'idejn Patri Eġidju fl-1956. Meta P. Ġann Franġisk kien ippubblika l-innu, dan tefa' l-oriġinal f'wieħed mill-kotba tiegħu. Fis-sena 1956 temm il-ħidma tiegħu bħala Kappillan ta' San Pawl il-Baħar u ġie trasferit fil-kunvent t'Għawdex u ta l-kotba li kellu lill-biblijoteka tal-kunvent. Ftit jiem wara hu qal lil Patri Eġidju biex jekk irid jieħu minn dawn il-kotba dak li għandu bżonn u hu għażel id-Dizzjunarju Griek-Taljan ta' Schenkle. Meta Patri Eġidju beda jqalleb fil-ktieb b'għaġeb kbir tiegħu sab l-oriġinal tal-Innu u qal bih lil P. Ġanfranġisk u dan qallu biex jagħmel bih li jrid.[9]

L-Innu tal-1948 u li għadu jintuża s'issa hu dan:

Wieqfa dik 'l omm ħanina
Imqanqla mill-imħabba
Bil-qalb maqsuma u mnikkta
Ħdejn binha fuq Salib.
Oh liema qalb ta' bniedem
Qatt ħasset bħal Marija
L-imrar, l-uġiegħ, in-niket,
Miġbura f'dat-tiġrib!

Ejjew nuruha mħabba
Lill-Omm tat-tbatijiet
Hi lilna minn kull jasar
Flimkien ma' Binha fdiet.

Ħarsu kemm dmugħ fuq wiċċha
Xi ġmiel ta' kliem fuq fommha
Xi ħlewwa b'liema mħabba
Refgħetu lil Ġesù.
Imbierka din l-omm tagħna,
Sultana fost il-martri,
Il-bidu ta' kull tama,
Mera ta' kull virtù.

Ejjew nuruha mħabba
Lill-Omm tat-tbatijiet
Hi lilna minn kull jasar
Flimkien ma' Binha fdiet.

Ieqfu ftit hawn u arawha
Dil-mara li ħabbitna
Li għażlet it-tbatija
Sabiex teqred id-dnub.
Din hi li fl-għar ta' Betlem
Wasslet it-tama tagħna;
Li bkiet fuq il-kalvarju
Quddiem Ġesù mislub.

Ejjew nuruha mħabba
Lill-Omm tat-tbatijiet
Hi lilna minn kull jasar
Flimkien ma' Binha fdiet.

[1] Ara Joseph Cilia OFMConv., 'Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar', Reliġjon u Ħajja, Storja 8, 1980, p. 52.
[2] Ara t-test tal-Innu stampat fuq karta-maktur fl-1928 u li qiegħed fiċ-Ċentru Kulturali tal-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, San Pawl il-Baħar.
[3] L-ewwel li kiteb dwar dan kien P.F.S. (dawn huma l-inizjali ta' Patri Feliċ Sammut) f'artiklu ntitolat 'Marija Addolorata Titular Tal-Paroċċa ta' San Pawl il-Baħar, fil-fuljett San Pawl il-Baħar, Lulju-Settembru, 1964, p.3. P. Alessandru Bonnici OFMConv., fil-ktieb 'San Pawl il-Baħar Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri', Reliġjon u Ħajja, Storja 33/169, 2005, p. 67, jirrepeti l-istess ħaġa mingħajr ma jsemmi s-sors ta' minn fejn ġieb din l-informazzjoni.
[4] Ara artiklu "It-Twaqqif tal-Banda San Pawl u l-Fundatur Tagħha", Banda San Pawl Festa 1995, p.91. L-awtur tal-artiklu mhux imsemmi.
[5] Ara l-kopja oriġinali tal-Innu, fl-Arkivju tal-Kunvent, OFMConv., San Pawl il-Baħar.
[6] Censor Theologiae, kliem li jfissru ċensur tat-teoloġija.
[7] Ara Joseph Cilia OFMConv. op cit., p.52. F'dan it-test daħlet bi żball id-data 1951, li m'għandha x'taqsam xejn ma' dan l-innu.
[8] Ara l-ittra ta' P. Eġidju Mizzi miktuba fit-2 t'Awissu 1982 lill-Gwardjan u Kappillan, P. Elija Vella, miżmuma fl-Arkivju tal-Kunvent.
[9] Ara l-ittra ta' P. Eġidju Mizzi imsemmija fin-nota ta' qabel.

**SHAUN MICALLEF**
***Turnkey Projects***

**Xogħol ta':**
- **Kisi**
- **Elettriku**
- **Madum**
- **Plumbing**



**"Micallef Hse",**
**Triq il-Katidral,**
**San Pawl il-Baħar,**
**SPB 3507**

**Phone: 2158 3059**
**Mob: 9988 7206**